MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2007

Numru. 860/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Josric Mifsud**
**v**

**PAUL AXIAQ bin Joe u Maria nee' Tabone, imwieled fid-disgha ta' Ottubru, 1980 u residenti St John, Triq tal-Hamrija, Xewkija, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 435294M**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputat **PAUL AXIAQ** bin Joe u Maria nee' Tabone, imwieled fid-disgha [9] ta' Ottubru, 1980 u residenti St John, Triq tal-Hamrija, Xewkija, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 435294M gie mressaq quddiemha u akkuzat talli nhar is-sbatax [17] ta'

Settembru 2006 fl-erbgha w kwart ta' filghodu bhala l-persuna li ghandu l-permess biex jaghmilha ta' sostitut u jiggesstixxi l-hanut "Al Porto" u bhala persuna li f'idejh kellu t-tmexxija tal-hanut "Al Porto" li jinsab fi Triq Manoel De Vilhena, Mgarr limiti ta' Ghajnsielem, Ghawdex:-

1. naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet jew limitazzjonijiet ohra li ghaliha hija soggetta l-licenzja ta' Jonathan Xuereb billi halla l-hanut miftuh ghall-pubbiku wara is-siegha ta' filghodu.

2. Talli fl-istess data, hin u lok daqq jew ippermetta li tindaqq muzika amplifikata b'tali mod li kienet tinstema minn barra.

3. talli fl-istess data, hin u lok daqq jew ippermetta li tindaqq muzika amplifikata fil-hanut "Al Porto" b'kull mezz fil-kors jew bhala parti minn attivita kummercjali bejn l-erbgha ta' filghodu w d-disgha ta' filghodu.

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-affidavits ta' PC 1005 Mario Cordina u ta' PS 369 Joseph Mizzi kif wkoll l-licenzja esibita minn Jonathan Xuereb.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni u cioe lis-Supretendent Paul Camilleri u lil Jonathan Xuereb kif wkoll lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju.

Ikkunsidrat:

Illi l-akkuzi kollha jirrizultaw ippruvati ghas-sodisfazzjon tal-Qorti.

Ghalhekk, **il-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 43(1)(b) tal-Kap 409 tal-Ligijiet ta' Malta; l-artikoli 38(2)C u 38(4) tal-Avviz Legali numru 1 tas-sena 2006, **tiddikjara li ssib lil imputat PAUL AXIAQ hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal hlas ta' multa komplessiva ta' mitt [100] lira maltin.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------